MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Avviz Numru. 77/2012

**Fl-atti tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Maltaipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bin-numru 1458/2011 fl-ismijiet:**

**Busy Bee Limited (C-6186)**

**Vs**

**Joseph Rapinett**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li permezz tieghu r-rikorrenti, Joseph Rapinett wara li ppremetta illi fil-21 ta’ Marzu, 2011, s-socjeta’ Busy Bee Limited (C-6186) pprezentat fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ittra gudizzjarja ai termini tal-Artikolu 166(A) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kontra certu Joseph Rapinett, detentur tal-karta tal-

identita' numru 677943M (ara dokumenti annessi mar-rikors u mmarkati bhala Dok A);

Illi l-imsemmi Joseph Rapinett, wara li gie debitament notifikat b'din l-ittra gudizzjarja, ma prezentax risposta, u l-ittra ufficjali de quo giet fil-fatt reza ezekuttiva kontra l-imsemmi Joseph Rapinett;

Illi s-socjeta' rikorrenti irrealizzat illi fil-fatt Joseph Rapinett (ID 367688M) ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan il-kaz u permezz ta' rikors datatat il-15 ta' Lulju 2011, is-socjeta' rikorrenti talbet lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza korrezzjoni fl-isem tad-debitur u konsegwentement tordna illi tohrog n-notifika ta' dina l-ittra gudizzjarja mill-gdid;

Illi din it-talba intlaqghet permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat is-7 ta' Lulju, 2011;

Illi fil-fatt, l-imsemmija ittra gudizzjarja giet notifikata lill-esponenti fl-indirizz tax-xoghol tieghu, nhar it-22 ta' Dicembru, 2011;

Illi l-esponenti, principarjament minhabba li kien ghaddej minn zmien hazin hafna, peress li kellu lil ommu rikoverata l-Isptar Mater Dei, nesa jipprezenta risposta ghall-ittra gudizzjarja fiz-zmien koncess lilu mill-Ligi u ghaldaqstant din l-ittra gudizzjarja giet, ghal darb'ohra, reza ezekuttiva kontra l-esponenti fis-26 ta' Jannar, 2012;

Illi s-socjeta' rikorrenti pprezentat mandat ta' sekwestru bin-numru 451/2012, liema mandat, sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors kien ghadu ma giex notifikat ufficjalment lill-esponenti (ara dokument anness mar-rikors u mmarkat bhala Dok B);

Illi ghaldaqstant, l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhu mill-fakoltajiet moghtija lilu permezz tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u qieghed jipprezenta dan ir-rikors sabiex jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrexxindi u tiddikjara nulla u bla effett fil-ligi it-titolu ezekuttiv ottjenut permezz tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Marzu,

2011 fl-ismijiet Busy Bee Limited vs Joseph Rapinett (Numru 1468/11), u konsegwentement kull mandat li hareg in segwitu ta' din l-ittra, inkluz il-mandat ta' sekwestru prezentat fil-Qorti tal-Magistrati fl-istess ismijiet bin-numru 451/12;

Illi dan ir-rikors qed isir entru t-terminu koncess permezz tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta jikkonferixxi kompetenza specjali lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u jipprovdi testwalment illi:

*'Titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor msejjes fuq dak it-titolu, il-Qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
(ii) *li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulat fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

*B'dan illi dan ir-rikors ghandu jigi appuntat ghas-smiegh fi zmien gimghatejn;.*

Illi l-esponenti jissottometti illi l-ittra ufficjali de quo ma tissodisfax il-htigijiet stipulat fis-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi l-imsemmi subartikolu jipprovi testwalment illi:

*Il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficjali, illi ghandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur,*

*jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanaza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-Gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullita', ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raguinijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjrazjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba'.*

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jissottometti illi gialadarba saret korrezzjoni fl-ittra ufficjali de quo fis-sens li inbidlet ghal kollox l-identita' tal-persuna intimata u dan minn Joseph Rapinett detentur tal-karta tal-identita' numru 677943M ghal Joseph Rapinett detentur tal-karta tal-Identita numru 367688M, stante illi dan huwa tibdil sostanzjali illi jibdel ghal kollox l-effetti legali li jista' jkolla l-ittra ufficjali de quo, din kellha ad validatem terga' tigi konfermata bil-gurament minn rapprezentat tas-socjeta' rikorrenti, haga li ma saritx;

Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti illi l-ittra ufficjali de quo ma tikkontjenix b'mod car, ir-raguni li fuqha qeghdha msejsa t-talba, r-ragunijijet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba;

Illi s-socjeta' rikorrenti, fl-ittra ufficjali de quo, tiddikjara sempliciment illi l-prezz reklamat huwa *'bilanc ta' press ta' servizzi ta' catering rezi lilek fuq inkarigu tieghek stess'*;

Illi l-esponenti, bir-rispett kollu dovut, jissottometti illi din id-dikjarazzjoni ma tissodisfax dak rikjest mill-Artikolu 166A(2) u dan peress illi tali dikjrazzjoni certament ma tistax tirrinkwadra dak lil-Qrati taghna irritenew bhala **<u>raguni cara</u>** li fuqha qeghdha tigi (1) msejsa t-talba u (2) li fuqha ghandha tintlaqa t-talba, flimkien ma' (3) dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba;

Illi s-socjeta' rikorrenti naqset milli tipprovdi dettalji essenzjali sabiex tigi identifikata' t-talba per se, bhad-data meta allegatament inghata l-inkarigu lis-socjeta' rikorrenti, u d-data meta gew rezi s-servizzi. Aghar minnhekk is-socjeta' rikorrenti naqset milli tipprezenta mal-ittra

gudizzjarja de quo, u in sostenn tat-talba taghha, dokumenti bhal purchase order iffirmata, fattura u delivery note, illi l-esponenti jissottometti huma essenzjali sabiex jigu sodisfatti d-dettami tal-Artikou 166A (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi f’dan il-kuntest, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet *‘Perit Edwin Mintoff vs Lawrence Pisani et’* (Avviz numru 267/2010) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-31 t’Awissu 2012, fejn il-Qorti irriteniet illi r-raguni il-ghala ghandha tintlaqa’ t-talba kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatt in sostenn tat-talba **ma tistax tkun prezunta izda attwata;**

Illi l-Qorti tkompli tghid illi *‘jehtieg li jinzamm fil-perspettiva l-fatt illi din il-procedura specjali giet introdotta fis-sistema guridika taghna bhala rimedju alternattiv ghal sodisfazzjoni ta’ kreditu permezz ta’ citazzjoni jew avviz. Illi ghalhekk* ***huwa ta’ importanza massima li l-kreditur li jaghzel li jadopera din il-procedura, jimxi b’mod rigoruz mad-dettami tal-ligi*** u cioe tal-Artikolu 166A tal-Kap 16, li ma jistipolaw l-ebda formalizmu esagerat u li ghandhom jigu osservati fuq piena ta’ nullita’;

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) tirrexindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv miksub mis-socjeta’ Busy Bee Limited a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan permezz tal-ittra gudizzjarja prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-21 ta’ Marzu, 2011 (ittra numru 1458//11) u dan ai termini tal-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) Tiddikjara nulla u bla effett l-imsemmija ittra gudizzjarja prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-21 ta’ Marzu, 2011 (ittra numru 1458/11) u dan ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(3) Konsegwentement tiddikjara null u bla effett kull mandat mahrug in segwitu tat-titolu ezekuttiv imsemmi u tal-istess ittra gudizzjarja numru 1458/11, inkluz il-mandat ta’ sekwestru prezentat fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bin-numru 451/2012.

Salv ghal kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq li timponi ulterjorment.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' Busy Bee Limited.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess atti ossija l-ittra ufficjali in esami bir-riferti relattivi (fol 5 ibid) , kopja tar-rikors u digriet relattiv, li bih din il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni fl-ittra ufficjali kif hemm fuq premess (fol 7 sa fol 10 ibid) kopja tal-mandat in esami (fol 11 et seq ibid l-original tal-istess ittra ufficjali kif korretta bir-riferti relattivi, bir-rikors relattiv ghall-istess korrezzjoni (fol 13 et seq ibid).

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fit-23 ta' Frar 2012 (fol 17 ibid).

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata (fol 21 u fol 22 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

Illi t-talbiet ta' Joseph Rapinett (ID 367688M) ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu ghas-segwenti ragunijiet:

(1) Illi kif jikkonferma l-istess Rapinett fir-rikors promotur tieghu, nhar it-22 ta' Dicembru 2011 huwa gie debitament notifikat bl-ittra ufficjali bin-numru 1458/11 u da parti tieghu naqas li jipprezenta nota ta' kontestazjoni ghall-pretensjoni tal-kumpannija rikorrenti;

(2) Illi dak li nesa jghid l-istess Rapinett huwa li kif jirrizulta mill-pink cards in atti, xhur qabel huwa kien diga' gie notifikat personalment bl-atti tal-istess ittra ufficjali, liema ittra ufficjali f'dak l-istadju ma setghetx tigi reza ezekuttiva fil-konfront tieghu peress li kienet tindika numru tal-karta tal-identita' zbaljat;

(3) Illi l-ittra ufficjali in kwistjoni giet debitament korretta bl-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti moghtija mill-Magistrat C Scerri Herrera fis-7 ta' Lulju 2011, in segwitu ghal tali korrezzjoni, u wara l-ennezimu tentattiv ta' notifika, l-istess Rapinett gie notifikat personalment fuq il-post tax-xoghol tieghu,  Wara l-iskadenza tat-terminu ta'

tletin (30) jum min-notifika, stipulat fl-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-26 ta' Jannar 2012 l-esponenti rendiet ezekuttiva fil-konfront ta' Joseph Rapinett (ID 367688M) l-ittra ufficjali 1458/11;

(4) Illi in segwitu, u a bazi tat-titolu ezekuttiv ottjenut kontra Rapinett, fit-13 ta' Frar 2012, din il-Qorti laqghet it-talba tal-esponenti ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra l-intimat;

(5) Illi f'dan l-istadju li l-istess Rapinett ghamel kuntatt mar-rapprezentanti tal-kumpannija ezekutanti fejn gharrafhom li minkejja li ha s-servizz taghhom (kif jidher mid-dokumenti hawn mehmuza bhala ' Dok A1 sa Dok A 5') huwa ma kellux ihallas ghax is-servizz kellu jiehdu b'xejn fuq ftehim li kellu ma' certu Joseph Friggieri (li kif jaf ferm tajjeb Rapinett huwa frodist maghruf). Ir-rapprezentanti tal-kumpannija ezekutanti gharrfuh li l-istess Joseph Friggieri, minkejja li huwa l-kugin taghhom, m'ghandu x'jaqsam xejn maghhom u jekk kellu xi problema jsolviha mal-istess Joseph Friggieri;

(6) Illi r-reazzjoni ta' Rapinett ghal dan kollu kienet li, minflok ma pprova jirrizolvi l-kwistjoni tal-kumpannija ezekutanti, ghazel li jipprezenta r-rikors promotur tieghu sabiex jattakka t-titolu ezekuttiv ottjenut fil-konfront tieghu, u a bazi ta' dak li jistipula s-subartikou tnejn (2) tal-Artikolu 166 A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi qabel xejn ghandu jinghad li peress li kif jidher mill-atti u kif ukoll mir-rikors promotur tieghu, l-ezekutat kien debitament notifikat bl-ittra ufficjali fit-22 ta' Dicembru 2011, huwa kellu kull opportunita' jqajjem tali lanjanzi f'dak il-perjodu koncess lilu mill-ligi;

(7) Illi l-ewwel raguni moghtija minn Rapinett hija li wara l-korrezzjoni tal-karta tal-identita' tal-intimat fl-ittra ufficjali 1578/11, l-istess ittra ufficjali kellha terga' tigi kkonfermata bil-gurament mir-rapprezentant tal-kumpannija esekutanti;

Il-kumpanija ezekutanti tirrileva li dan mhuwiex il-kaz, ghaliex kif anke' jigri fil-kaz fejn jigi korrett rikors guramentat a tenur tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12, li anke' jippermetti tibdil fl-ismijiet tal-partijiet fost dettalji ohra, in segwitu ghal tali korrezzjoni tkun tinhtieg biss notifika mill-gdid tal-atti u mhux konferma mill-gdid tar-rikors guramentat.

(8) Illi t-tieni raguni moghtija minn Rapinett hija li l-ittra ufficjali in kwistjoni ma fihiex b'mod car ir-raguni li fuqha hija msejsa t-talba, r-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa' u d-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn ghat-talba. Il-kumpannija ezekutanti lanqas taqbel ma' din ir-raguni peress li kif se jirrizulta mis-smiegh ta' dan ir-rikors, bin-notifika tal-ittra ufficjali in kwistjoni, Rapinett kien jaf ferm tajjeb fiex kienet tikkonsisti t-talba tal-kumpannija esekutanti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha ta' Joseph Rapinett (ID 367688M) bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Rat id-dokumenti, in fotokopja, annessi mal-istess risposta u li jinsabu a fol 23 sa fol 28 ibid.

Semghet ix-xhieda tal-istess rikorrenti prodott mill-istess socjeta intimata a fol 31 ibid u rat il-kopja ta' sentenza annessa mill-istess rikorrenti a fol 33 et seq ibid.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti in esami huma kif ser jinghad:

Fit-21 ta' Marzu 2011, is-socjeta' intimata ppresentat ittra ufficjali kontra r-rikorrenti konfermata bil-gurament u din a bazi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Fol 5 u Fol 13 tal-istess atti). Permezz taghha r-rikorrenti kien gie interpellat sabiex jhallas is-somma ta' €678.32 in konnessjoni ma bilanc ta' prezz ta' servizzi ta' 'catering' resi lir-rikorrenti. Mill-istess ittra jirrisulta li r-rikorrenti gie informat illi jekk ma jkunx hemm twegiba fi zmien tletin (30) jum minn notifika, l-istess att jsir wiehed ezekuttiv. Jidher li din l-ittra, filfatt, kienet giet notifikata izda r-rikorrenti ma wegibiex skond il-ligi u b'hekk giet reza ezekuttiva. Gara', pero, li kien sar zball fl-istess ittra billi dwar isem u kunjom ir-rikorrenti, gie indikat numru ta' karta tal-identita zbaljta u ghalhekk kien sar rikors mis-socjeta' intimata sabiex dan l-izball jigi korrett. Jidher li

filfatt inghata digriet mill-Qorti kompetenti fis-7 ta' Lulju 2011 u permezz tieghu l-istess Qorti awtorizzat din il-korrezzjoni kif ukoll in-notifika mill-gdid tal-istess ittra ufficjali guramentata lir-rikorrenti. Din in-notifika saret izda xorta wahda, ir-rikorrenti ma intavola l-ebda twegiba in opposizzjoni.  Wara li skada t-terminu gie presentat u akkordat mandat ezekuttiv ta' sekwestru li jinsab anness mal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti qed jibbaza t-talba tieghu fuq kif ser jinghad:

a) Hu jsostni illi meta saret il-korrezzjoni fin-numru tal-karta tal-identita tar-rikorrenti, din kienet bidla sostanzjali u 'ad validitatem' kellha terga tigi konfermata bil-guarment mis-socjeta' intimata wara li giet korretta.
b) In rigward dak dikjarat fl-istess ittra bhala 'bilanc ta' prezz ta' servizzi ta' 'catering' rezi lilek fuq inkarigu tieghek stess',., l-intimat jsostni li din id-dikjarazzjoni ma tissodisfax l-element ta' '….. raguni cara li fuqha qeghda tigi (1) imressqa t-talba u (2) li fuqha ghandha tintalqa' t-talba flimkien ma (3) dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti kif jidher a fol 31 ibid xehed illi kien minnu li gie notifikat bl-ittra ufficjali in esami fuq il-post tax-xoghol izda fiz-zmien in kwistjoni ommu kienet fi stat ta' sahha hazin u minhabba hekk kien ta' lill-Avukat tieghu l-istess ittra ufficjali wara li kien sar jaf bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-ewwel bazi sottomessa mill-istess rikorrenti, il-Qorti tara li ghandha taccetta dak sottomess mis-socjeta' intimata.  Filfatt kull att gudizzjarju jista' jigi korrett mill-Qorti skond l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 citat basta ma jippregudikax is-sustanza tal-azzjoni jew difiza.  Wara li ssir il-korrezzjoni ma hemm xejn, impost mill-ligi li jindika

li l-att korrett ghandu jerga' jigi konfermat bil-gurament minn min jintavolah. Ghalhekk, tenut kont ukoll li l-korrezzjoni li saret ma hiex ta' tali importanza li tiggustifika n-nullita ta' atti, it-talba in esami ma tistax tigi akkolta fuq din il-bazi.

Ikkunsidrat

Illi in rigward it-tieni kawzali, hu minnu li, fl-ittra ufficjali, tinsab dikjarazzjoni kif hawn fuq citata pjuttost abbrevjata u fil-qasir.

Pero' minn esami taghha, l-Qorti tara li hi sufficjenti sabiex ir-rikorrenti seta' jaf x'kienet ir-raguni l-ghala l-ammont hemm specifikat kien qed jintalab mis-socjeta' intimata.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk, it-talbiet kif dedotti mill-istess rikors ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet in esami kif dedotti mill-istess rikors.

In rigward l-ispejjez dawn ghandhom jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------